MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 977/2003

**Avukat Dr Christian Farrugia ghan-nom u in rapprezentanza ta’ United Macaroni Manufacturing Company Limited**
**Vs**
**Alfred Falzon**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-attur li ppremetta: illi l-kawza fl-ismijiet premessi giet deciza favur ir-rikorrenti noe minn din l-Onorabbli Qorti fid-22 ta’ Mejju 1996;

Illi l-konvenut gie ikundannat ihallas is-somma ta’ sitt elef sitt mija u wiehed u desghin Liri Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm 6691.86), liema ammont qatt ma’ thallas interament lill-attur noe.

Illi s-socjeta’ attrici ghad ghandha interess li tigbor l-ammont dovut lilha rapprezentanti s-somma rimanenti

minn l-ammont hawn fuq indikat, ammontanti ghal tmien mija wiehed u desghin liri maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm 891.86) u kwindi jixtieq jipprevalixxi ruhhu mill-artikolu 258 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant l-attur noe jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha tordna r-riezekuzzjoni tas-sentenza moghtija fid-data hawn huq imsemmija ai termini tal-ligi u skond kull provvediment iehor li jidrilha xieraq u opportun.

Rat in-nota ta' Pierre Gatt, Direttur awtorizzat tas-socjeta attrici;

Rat illi r-rikors gie debitament notifikat lill-konvenut;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Tilqa' t-talba tar-rikorrenti;

Bl-ispejjez a kariku tal-konvenut intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------